KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa (4)***

***It-Tlieta, 20 ta' Awwissu, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**4.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

4.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

4.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 3 li nzammet nhar it-Tnejn, 29 ta' Lulju 2019.

4.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 3 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

4.2.3 **Mozzjoni 04-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 3.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 3 gew approvati unanimament.

**4.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 4 (08) – Awwissu 2019***

4.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(08) biċ-ċekkijiet numru 6667 sa 6686 li tammonta €16,841.68

4.3.3 **Mozzjoni 04-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(08) bl-ammont ta' €16,841.68

Proponent: Il-Kunsilliera Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 04(08) giet approvata unanimament.

## 4.4 Korrispondenza

4.4.1 Tressqet korrispondenza minghand id-Dipartiment rigward talba ghall-kunsens tal-membri kollha biex id-dettalji personali (mobajl u indirizz postali) jigu mghoddija lill-Ministeru. Il-Kunsilliera kollha taw il-kunsens taghhom.

4.4.2 Tressqet korrispondenza sabiex il-Kunsill jidentifika zoni li huma problematici u hemm bzonn kontroll tal-Hamiem. Il-Kunsill m'ghandu ebda zoni problematici.

4.4.3 Tressqet korrispondenza minghand Water Services Corporation fejn infurmawna li meta sar ix-xoghol tat-toqob fi Triq il-Belt Valletta, saru xi hsarat fil-*waste water main* tal-istess triq u ghaldaqstant qed jinfurmaw lill-kuntrattur li ghamel ix-xoghlijiet.

4.4.4 Tressqet korrispondenza dwar laqgha mal-LESA. Il-Kunsill qabel li din il-laqgha ssir filghodu.

4.4.5 Tressqu kontijiet minghand il-Koperattiva dwar sinjali li saru fejn sar it-Tarmak il-gdid. Dawn il-pagamenti se jigu mghoddija lill-Transport Malta.

4.4.6 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jirrestawra il-Knisja ddedikata lil San Filippu Neri. Il-Kunsill qabel li din it-talba ghandha tigi kkunsidrata meta l-Kunsill jerga jkollu fondi ghall-restawr.

4.4.7 Tressqet korrispondenza minghand ir-Regjun Nofsinhar fejn infurmawna li hargu zewg skemi godda, ghajnuna meta l-Kunsill juza l-facilitajiet ta' l-iskejjel barra l-hinijiet tal-iskola u ghajnuna ghal attivitajiet kulturali, sportivi u muzikali organizzati mill-Kunsill Lokali.

4.4.8 Wara laqgha li saret rigward Local Integration Action Plan, il-Kunsill huwa mitlub li jiddentifika postijiet fejn qed jghixu migranti barranin. Il-Kunsill identifika xi zoni fi Triq il-Barklor, Triq il-Gudja, il-Bypass ta' Hal Ghaxaq.

4.4.9 Tressqet korrispondenza dwar sessjoni ta' *teambuilding* li se ssir fil-5 ta' Ottubru 2019. Ghal din is-sessjoni l-Kunsilliera ma jistghux jattendu.

4.4.10 Tressqet korripondenza dwar Laqgha li se ssir nhar l-Erbgha 28 ta' Awwissu 2019 fil-5pm dwar l-ftehim li ghamlet l-AKL f'dawn l-ahhar sentejn.

4.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet nominazzjoni ghall-hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv, l-impjegata tal-Kunsill li qeda fi Skala 10. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura D.Mallia tinhatar Deputat Segretarju Ezekuttiv.

4.4.12 Tressqet korrispondenza dwar it-talba sabiex Triq Dun Guzepp Demicoli u Triq Joseph Gravina jitwahhlu tabelli ta' *No Heavy Vehicles.* Din it-talba ma gietx milqugha minhabba li hemmhekk tghaddi Tal-Linja. Il-Kunsill rega talab li ssir *No Heavy Vehicles except for Public Transport.* Din it-talba qed terga tigi kkunsidrata

minhabba li tista tinholoq problema ohra, fejn it-trakkijiet jibdew jitilghu minn Triq San Filippu. Ghaldaqstant is-soluzzjoni ghandha tkun li l-hrug isir biss minn Triq il-Belt Valletta.

4.4.13 Tressqet kwotazzjoni sabiex tinxtara photocopier ghall-prezz ta' madwar €1500. Dawn l-ispejjez se jigu rifuzi taht l-iSkema tal-Lifelong Learning. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

4.4.14 Rigward Mizura 4.3 is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li c-certifikazzjoni tal-Perit ghax-xoghol ta' Triq Has-Saptan ghadha ma waslitx u ghaldaqstant ghandha terga tintalab *extension* ghad-*deadline* minhabba li hemm l-*additional works* li l-perit m'approvax.

**4.5 <u>Progett Bandli</u>**

4.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-kuntrattur irrisponda fejn talab li x-xoghol jista jitlesta sa l-ahhar ta' Settembru.

4.5.2 Is-Sindku Darren Abela qal li l-kuntrattur qed isaqsi dwar x'kulur se jinghazel u ghaldaqstant inghazel il-kulur ic-car. Bhal *flooring* se jsir ahdar. Se ssir ukoll rampa fejn il-pitch tal-bocci.

4.5.3 Is-Sindku ippropona li bhala data tal-ftuh din ghandha issir fl-ewwel gimgha ta' Ottubru sabiex it-tfal ikunu bdew l-iskola.

*Is-Sindku Darren Abela hareg mill-laqgha tal-Kunsill (19.05pm)*

*Mexxiet il-laqgha tal-Kunsill il-Vici Sindku Christine Dalli*

**4.6 Devoluzzjoni: Centru Civiku**

4.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti tac-Centru Civiku li kienu gew iddisinjati.

4.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjoni ghad-Devoluzzjoni ta' l-art fil-Bypass ta' Hal Ghaxaq kantuniera ma Triq id-Dejl. Din it-talba ghad-devoluzzjoni tal-art qed issir sabiex il-Kunsill ikun jista jibni ic-Centru Civiku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

*F'dan l-istadju is-Sindku Darren Abela rega attenda ghall-laqgha (19.25pm)*

**4.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

4.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-fanal li kien hemm il-bandli. Wara li gie mizbuh, irridu nsibu post fejn nwahhluh. Il-Kunsill qabel li ghalissa jitpogga fil-ground tal-kappillan sabiex wara jitwahhal fuq Santu Rokku meta jsir il-progett.

4.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba ghal 16-il kurduna li jinghataw mill-Kunsill Lokali lir-resident sabiex jaghmel l-bankina ta' quddiemu. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

4.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq zewg applikazzjonijiet ghall-*disabled parking* li gew rifjutati minn TM minhabba li hemm ohra fil-vicinanzi. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-TM li m' ghandnix oggezzjoni li jsir parkegg iehor riservat ghall-persuni b'diffikulta fil-mobilita'.

4.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li ilu ghal zmien twil jitlob lit-TM sabiex jaghmlu l-linji l-godda fi Pjazza San Gorg izda l-Kunsill baqa' minghajr risposta. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tingieb kwotazzjoni sabiex isiru s-sinjali.

4.7.6 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm it-talba sabiex fi Triq il-Barklor tinfetah it-triq u qed jitolbu konferma li l-Kunsill jaqbel mal-pjanta. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandha tintbaghat ittra bit-talba u l-pjanta annessa u wara l-Kunsill jara japprovax il-Pjanta.

4.7.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex sqaq fi Triq l-Andar jinghata l-konkos. Il-Kunsill qabel li tidhol mal-lista ta' toroq ghal konkos.

4.7.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru l-arbli tad-dawl fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija. Il-Kunsill qabel li tingieb stima u titressaq fil-laqgha.

4.7.9 Is-Sindku Darren Abela qal li biex isir *meter* fil-Pjazza, ghandu jsir wiehed temporanju u jiggedded kull sitt xhur. Il-kaxxa tad-dawl ghandha tehel bil-*brackets* ma arblu fil-Pjazza.

4.7.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titpogga *road hump* fi Triq it-Tumbarellu. Din it-talba ma gietx approvata.

4.7.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-parkegg fi Triq San Filippu, in-naha ta' fuq qabel iddur lejn Triq il-Gudja isir *slanting*. Il-Kunsill qabel li jitlob l-approvazzjoni ta' TM.

4.7.12 Is-Sindku Darren Abela qal li se jergghu jibdew isiru l-laqghat mal-pulizija tal-festi, fejn l-Ghaqdiet talbuna biex juzaw is-sede tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

*Minhabba li kienu ghaddew 3 sieghat mill-bidu tal-laqgha (skond kif stipulat fil-ligi), il-Kunsill qabel unanimament li jitkomplew l-ahhar materji li hemm fuq l-Agenda.*

**4.8 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

4.8.1 Il-Kunsilliera Christine Dalli pproponiet li l-Kunsill jaghmel premura li l-barijiet iridu jigu zarmati kollha immedjatament wara l-festa. Hija qalet ukoll li preferibbilment anki l-armar tal-festa jizzarma kollu fi zmien gimghatejn.

4.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius talbet li ssir laqgha mal-Ministru tal-Anzjani biex jigu diskussi xi materji bhal *night shelter*.

4.8.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt talab li jigu ccekjati l-cameras fi Pjazza San Gorg minhabba li qed jerga' jkun hemm rimi illegali u abbuziv. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-cameras ghadhom qed jigu rrangati.

4.8.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm talba sabiex Sqaq il-Kappillan titwahhal Bollard. Qed ikun hemm ukoll rapport li qed jipparkjaw illegalment fit-tarf tal-isqaq u qed jaghlqu l-access. Il-Kunsill ma qabilx li titwahhal bollard izda li jsir *enforcement* fejn hemm parkeggi illegali.

4.8.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li t-tindif fil-ground ma sarx sewwa ghaldastant il-Kunsill ghandu jitlob lid-Direttorat tat-tindif sabiex inaddaf.

4.8.6 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bzonn titwahhal mera fi Triq id-Dejl kantuniera ma Triq il-Miksur. Il-Kunsill qabel li minflok mera, tigi rilokata l-*istop sign* ta' ma l-art, fejn tinhareg iktar il-barra u ssir shiha.

4.8.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm pot imkisser fi Triq il-Gudja (quddiem il-Maypole) sabiex jitnehha.

4.8.8 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bzonn li niehdu hsieb iz-zamma ta' Gnien Elfejn. Il-Vici Sindku qalet li se tkun qed tiltaqa mal-haddiema li jiehdu hsieb il-knis u l-qtugh tal-haxix.

4.8.9 Il-Kunsillier Keith Fenech fakkar sabiex tinbaghat reminder dwar il-hlas tal-*culvert* ta' Triq San Gorg. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li ir-*reminder* ghadu kemm intbaghat.

4.8.10 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar l-applikazzjoni ta' Santu Rokku. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni waqfet minhabba li ma kienx hemm l-approvazzjoni minghand il-Lands Authority. L-Applikazzjoni ghandha terga tinfetah hemm kif nircievu l-approvazzjoni.

4.8.11 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar it-Tender tal-knis. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qed tistenna minghand id-Direttur u minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti l-approvazzjoni tat-tender.

4.8.12 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar attivita' li se ssir fis-Summer School. L-attivita' se tikkonsisti fi *presentation* lit-tfal fuq is-siti storici u attivitajiet kulturali.

L-attivita’ qed tigi proposta li ssir fid-29 ta’ Awwissu fid-9.00am.

4.8.13 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li Triq G.M Farrugia mhiex registrata infatti ma tidhirx fir-registru elettorali. Ghaldaqstant se ninfurmaw lid-Dipartiment tat-Tismija tat-Toroq dwar dan.

4.8.14 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm talba ghal zewg bozoz, wahda fi Triq Guzeppi Barbara u ohra fi Triq il-Bwar.

**4.9 Mozzjonijiet**

4.9.1 Annessi mal-Minuti

**4.10 Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss**

4.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 18 ta’ Settembru fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-9.15pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 4**

**Mozzjoni Ref:** 04-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 3

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 20 ta' Awwissu 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 4**

**Mozzjoni Ref:** 04-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta’ Pagamenti Nru 04(08)

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech** | **Rose Agius** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 20 ta’ Awwissu 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**